MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 316/2012

**Ivan Vella ghan-nom tas-socjeta' Vanmar Co. Ltd C-19182**

**vs**

**Jason Vella u Sueanne Vella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-20 ta' Settembru 2012 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' erbat elef, tlett mija u tmintax-il Ewro (€4,318) rapprezentanti ammont dovut ta' invoices ghal servizzi li nghataw mill-esponenti lill-konvenuti Jason Vella u Suzanne Vella.

Bl-ispejjez tal-prezenti inkluz dawk ta' l-Ittra Ufficcjali u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat nhar il-21 ta' Awwissu 2012 kontra l-konvenuti li huma ingunti in subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati u dan kif jirrizulta mit-timbru tal-purtier Mario Mizzi datat 6 ta’ Ottubru 2012 a fol 5 ta’ l-atti minn fejn jirrizulta li thalliet kopja tar-rikors promotur fir-residenza tal-konvenuti, naqsu li jidhru fis-seduta tas-17 ta’ Ottubru 2012 sabiex iwiegbu ghad-domandi attrici jew li jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta’ Ottubru 2012 l-avukat difensur tas-socjeta’ attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuti.

Rat illi fis-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2012 il-konvenuti naqsu li jidhru in subizzjoni.

**Ghaldaqstant din il-Qorti issib it-talba attrici gustifikata u timmerita li tigi konfermata b’dan illi tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur Ivan Vella ghan-nom tas-socjeta’ Vanmar Co. Ltd is-somma mitluba fir-rikors promotur fl-ammont ta’ erbat elef, tlett mija u tmintax-il Ewro (€4,318) u dan bl-imghax li ghandu jibda jiddekorri mil-lum.**

**L-ispejjez ta’ din il-procedura u ta’ l-Ittra Ufficcjali u tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentati nhar il-21 ta’ Awwissu 2012 ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------